MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-2 ta' Diċembru, 2003

Numru 989/2003

Il-Pulizija
(Supt. Neville Xuereb)
vs
Torki Soleiman, iben Mahmoud,
imwieled Masaran fis-sena 1967

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fl-1 ta' diċembru, 2003 u fil-jiem ta' qabel, ġewwa Ħad-Dingli, imjega jew ta xogħol lill-persuni li ma kienux persuni eżenti u li ma kellhomx liċenzja mogħtija lilhom għal dak l-impjieg jew xogħol skond id-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 217 tal-liġijiet ta' Malta;
2. talli bħala l-persuna li kienet responsabbli tax-xogħol li kien qiegħed isir ġewwa Triq San Rokku impjega persuni li ma kienux ċittadini ta' Malta meta dawn il-persuni ma kellhomx permess validu u uffiċjali;

3. talli fl-istess ċirkostanżi bħala l-prinċipal, jew il-persuna li impjegat persuni oħra, whole time, part time jew xort' oħra b'kuntratt definit jew indefinit jew bi prova, naqas li jinnotifika lill-Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ b'dan l-impjieg.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' diċembru, 2003 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 32(1)(b) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikoli 3(a) u 10 tal-Avviż Legali 110 ta' l-1993 u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' ħames mitt liri maltin (Lm500).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------